# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 895

KAZ NRU. 770

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Rosario Vella

u

Carmelo Cutajar Ltd

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Illum: 14 ta' Novembru, 1997

**Chairman : Dr. Joseph P. Bonnici LL.D.**

**Introduzzjoni**

Illi b'ittra datata 24 ta' Mejju, 1993 l-Onor. Ministru tal-Edukazzjoni u Rizorsi Umani rrefera din il-kwistjoni tax-xoghol lil dan it-Tribunal ghat-temm obbligatorju taghha ai termini tal-Art. 28(2) tal-Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Fatti**

Fl-*statement of case* tieghu, l-appellant jallega strategija orkestrata minn Pauline Cutajar sabiex id-drittijiet tieghu ta' Manager kif sanciti fil-kuntratt ta' xoghol datat 6 ta' April, 1990, jigu illezi irremedjabbilment. Dan kellu jsir kollox taht kopertura ta' allegat *redundancy.*

Illi da parti taghha s-socjeta' intimata allegat *redundancy* 'sic et sempliciter' bhala r-raguni ghaliex l-impjieg tal-appellant gie terminat. Ma kienx efficjenti, naqas ix-xoghol, u ghalqet il-parti tal-gafef u *spare-parts* stante li kienet qed tigi finanzjata unikament mill-bejgh tal-petrol.

Illi l-*statement of case* tal-appellant huwa ferm ezawrjenti, mentri dak tal-kumpanija mhux stimulanti xejn. *Redundancy* u daqshekk.

**<u>Xhieda</u>**

Illi fix-xhieda tieghu l-appellant ta l-isfond storiku li wassal ghat-terminazzjoni tal-impjieg tieghu minn mas-socjeta' intimata. Xoghol kien hemm u difatti meta gie mkecci, kien ghad baqa' ingenji x'jissewwew. Kellhom klijentela tajba - rinomati ghas-servizz. Meta x-xoghol kien f'idejh kien miexi kollox harir, tant li kien firmatarju f'isem il-kumpanija. L-inkwiet beda meta Pauline Cutajar bdiet tindahal u riedet tikkmanda hi. Bdiet tieghu decizjonijiet xejn sani kummercjalment, tant li ma bdietx tordna parts, taghlaq il-bibien u spiccat li tterminat l-impjieg ta' kullhadd, inkluz tat-tfal taghha stess. Skond hu dan kien kollu intiz sabiex il-kumpanija tehles minnu. Di fatti, tnaqqsitlu l-paga, kellu jiehu proceduri gudizzjarji ghad-differenza fil-paga. Sia hu u sia Joseph Cutajar istitwew l-odjerni proceduri quddiem dan it-Tribunal (vide kaz nru. 791).

Da parti taghha Pauline Cutajar allegat fl-affidavit taghha datat 3 ta' Frar, 1994 li kellha tiehu dawk il-passi drastici kollha li anke wassal ghat-terminazzjoni u gheluq ta' l-azjenda, minhabba *mismanagement,* nuqqas ta' *acumen* kummercjali, nuqqas ta' adezjoni ghall-istruzzjonijiet taghha inkluz fejn jirrigwardja *stocks* u li l-kumpanija ma kenitx qed taghmel qliegh.

Illi s-socjeta' intimata pproduciet lil Mario Pace, Helen Meli Attard u Manfred Galdes - ilkoll *accountants* u awdituri. Meli Attard esebit il-kontijiet ghas-snin 1987 - 1991 Dok H.M. I sa V. Dawn taw stampa cara ta' azjenda hajja li ghalkemm kellha certu spejjes kienet qed taghmel u thalli qliegh ragjonevoli ghall-ahhar.

Manfred Galdes - *the man on the spot* - xehed li x-xoghol kien vigoruz u ta' certu entita'. Kien hemm dizgwid ragjonevoli, meta specjalment Pauline Cutajar kienet tindahal fejn ma tifhimx ghax ma kenitx tafda - bhal per ezempju ghalqet l-istore ta' *spare-parts* biex ma jinbieghux.

L-inkwiet beda fuq nuqqas ta' pagament tal-*overtime* wara t-3 ta' Awissu 1991 - vide xhieda Manfred Galdes tat-13 ta' Mejju 1993 fil-kawza 174/93 G.M.A. Mhux hekk biss izda ridiethu jahdem l-*overtime* minghajr hlas. Huwa ma accettax ghax kien imur kontra l-ftehim kontrattat u prattikat.

Gew esibiti wkoll diversi kopji ta' xhieda li nghatat fid-diversi kawzi li kien hemm ga bejn il-partijiet. Inoltre, ix-xhieda tal-15 ta' Lulju, 1994 hija ferm elucidanti. Huwa sinjifikanti x-xhieda ta' Manfred Galdes, bniedem professjonali fuq il-lant tax-xoghol, dwar il-pozizzjoni u stat ta' fatt kummercjali ta' l-istess azjenda. Ma kellha qatt tinghalaq jew jitkecca kulhadd. Ma kienx ekonomikament vijabbli li l-azjenda tinghalaq.

Saviour Cutajar xehed dwar l-agir xejn lejali tal-appellant verso s-socjeta' intimata. Fil-mori tal-kaz, irrizulta illi x-xoghol tal-*parts* gie percepit minn huh Joseph fuq kumpanija separata fil-waqt li hu ha l-pompa tal-*petrol*.

Joseph Cutajar xehed li minhabba nuqqas ta' akkwist ta' *parts* ma setghux jiggestixxu x-xoghol tal-gafef u ma setghux ikomplu. Kellu l-inkwiet ma' ommhu wkoll, tant li kien istitwixxa proceduri simili kontra l-kumpanija. Huwa kien imgieghel jitlaq minn fuq il-lant tax-xoghol bhal l-odjern appellant.

Sussegwentement, in linea ta' transazzjoni ma' ommu u Carmel Cutajar Ltd, huwa fforma socjeta' bl-isem ta' Joseph Cutajar Ltd li hadet ix-xoghol tal-gafef minghand is-socjeta' intimata ad eskluzzjoni ta' l-istess socjeta' intimata. Zamm l-istess post u ghodda. Ha wkoll ix-xoghol tal-*parts*, filwaqt li l-pompa zammha huh Saviour stess.

**Konsiderazzjonjiet**

Illi l-eccezzjoni *in difesa* tas-socjeta' intimata tikkoncerna l-inkompetenza tat-Tribunal stante r-*redundancy* ta' l-appellant. Kif gie ritenut *'ad nauseaum'* l-eccezzjoni moghtija sempliciment *per via discorrendo* ma ghandhiex tistultifika l-operazzjoni ta' l-istess Tribunal. *Redundancy* ma ghandhiex sempliciment tigi esklamata, izda ppruvata minn min jallega, fi kwalunkwe kaz mill-principal li jimpjegah.

Ghalkemm issir riferenza ghal kuncett ta' *redundancy* fil-ligi patria, definizzjoni ' ut sic' tieghu ma tinstabx. I.L.O. Recommendation on Termination of Employment No. 119 Art. 2, tipprovdi s-segwenti definizzjoni - *"a superfluity caused in view of the operational requirements of the undertaking"*

Illi dana jissucciedi principalment f'zewg kazijiet - ossia :

1) meta l-azjenda tkun sejra tant hazin li ma jkunx aktar ekonomikament vijabbli li timmantjeni l-*workforce* kollu nkluz li tnaqqas l-ispejjes operattivi.

2) meta l-post jigi abolit minhabba ristrutturazzjoni.

Illi kif gie ritenut minn dan it-Tribunal fid-decizjonijiet tieghu fl-ismijiet 'Joseph Fleri Soler vs British High Commission' u 'Anthony Tonna vs British High Commission', l-arma tat-tkeccija *tramite redundancy* hija arma ferm letali ndipendenti mill-volonta' tal-haddiem, u qieghda unikament hemm a disposizzjoni tal-principal sabiex tigi minnu ezercitata bl-akbar responsabbilita'.

Illi l-appellant zgur li ma tkecciex ghaliex l-azjenda kienet qed taghmel it-telf. Dana xehduh l-istess awdituri u *accountants* stess tas-socjeta' intimata. Mid-dokumenti esebiti minn Helen Meli Attard u Manfred Galdes, jirrizulta li l-azjenda kienet wahda vigoruza, u bi ftit kontroll ahjar kienet tkun fi stat ta' zvilupp 'il fuq. Il-kliem testwali minnhom uzat huwa sintomatiku - "hasra li *goldmine* bhal dik tinghalaq." Aktar, kienet decizjoni tal-genn li ssakkar l-*spare-parts* u ma taghtihomx sabiex jigu uzati u/jew negozjati u ma tirrimpjazzhomx.

X'wassal allura li l-post tal-appellant jigi allegatament abolit jekk jista' jigi allegat dan? Huwa gie dikjarat *redundant* - kien superfluwu ghal bzonnijiet operattivi tal-azjenda.

L-isfond storiku tal-pendenza jirrigwardja l-familja Cutajar. Meta kien ghadhu haj il-fundatur, kien jikkmanda kollox hu. Meta miet, inqala diversi disgwid bejn l-ahwa Cutajar tant li wiehed kellu jitlaq. In vista

tal-fatt li anki din il-partenza ma solviet xejn, allura gie imgieghel jintervjeni '*deus ex machina*' sabiex jirrisolvi l-kwistjonijiet familjari u azjendali. L-appellant odjern inghata l-kariga ta' *manager* taht kuntratt b'certi kondizzjonijiet hemm kontenuti.

Id-dizgwid beda jberraq kmieni. Kien hemm hafna alterazzjonjiet dwar il-firmatarji tac-*cheques,* min kellu jordna l-*spare parts*, min suppost jaghmel u min suppost jithallas tal-*overtime,* min kellu jaccetta x-xoghol. Finalment min suppost kien qed jikkmanda fuq il-lant tax-xoghol.

Pauline Cutajar, l-unika direttur qabdet u ghalqet ix-xatba, u l-impjegati spiccaw barra. L-odjern appellant u iben Cutajar, cioe Joseph Cutajar, istitwew proceduri qudddiem dan it-Tribunal. Jista' jigi allegat li l-appellant tkecca ghax gie *redundant?* Da zgur li le. Aktar u aktar illi fil-mori tas-smigh ta' dan il-kaz, u per coincidenza, rrizulta innocentement mix-xhieda ta' Joseph u Saviour ahwa Cutajar, illi l-kaz ta' Joseph Cutajar kien gie tranzatt. Mhux hekk biss, izda dana kkostitwixxa socjeta' kummercjali ghalieh biex jiggestixxi x-xoghol tal-gafef u *spare-parts* minghajr l-indhil ta' ommu, u Saviour Cutajar l-pompa minghajr l-indhil ta' ommu.

Illi dana donnu jidher li huwa s-sindromu tal-familja Cutajar. Mhux in gudikat l-istess familja, izda l-operat ta' socjeta'

kummercjali komposta mill-membri ta' l-istess familja. Tindahlilhomx pero' iridu jindahlu. Dahhlu lill-appellant specifikament sabiex dana ma jirrikorriex. Il-*Materfamilias* riedet thalli l-impronta taghha, jekk mhux ukoll fuq insistenza ta' uliedha wkoll.

L-ewwel kien jithallas ta' l-*overtime* imbaghad le. Anzi gie ordnat jahdem *overtime* minghajr ma jithallas tieghu. Kien fiducjarju u firmatarju; saret mulina shiha sakemm spicca bla firma ghax gie ordnat jiffirma in bjank, haga li rrifjuta jaghmel. Gie ordnat jaghmel xoghol '*on cash basis only*'. *Spare parts* ma bdewx jigu ordnati fuq ordni tad-direttur uniku. Il-paga tieghu giet ridotta arbitrarjament u kellu jiehu passi gudizjarji ghar-rifuzjoni, kawzi li kienu fruttiferi fil-konfront tieghu. Anzi l-azzjon marret '*ad oltranza*' billi d-dipartiment tal-*parts* gie kompletament maghluq minghajr access ghall-impjegati - dana ghas-semplici raguni li riedet tkun taf x'hemm *stock* peress illi inventarju ma kienx isir fuq binarju regolari u accettabbli. Din l-azzjoni giet deskritta mill-*accountant* taghha stess Manfred Galdes bhala "morna kontra kull principju ekonomiku li taghlaq minjiera tad-deheb."

Illi dana kollu ma kienx bizzejjed ghad-direttur Pauline Cutajar. Tant telghalha illi kecciet il-kulhadd il-barra!

Dana kollu kif jirrifletti *vis-a-vis* il-pozizzjoni tal-appellant odjern? Jista'

jinghad li gie *redundant* jew aktar verosimilment imkecci minn fuq il-post tax-xoghol. Jista' jinghad li kkontribwixxa b'xi mod u/jew manjiera ghat-tkeccija tieghu minn fuq il-post tax-xoghol?

Mill-provi prodotti mill-partijiet dana ma jirrizultax. Ma giet prodotta l-ebda gjustifikazzjoni da parti tas-socjeta' intimata ghar-raguni moghtija ta' *redundancy. L-i*nkompetenza fil-gestjoni ta' kwalunkwe' attivita' kummercjali ma ghandhiex tigi solvuta billi taghlaq il-bibien u tkecci lill-impjegati 'l barra. Kellha tirrikorri ghal konsulenza professjonali hafna qabel ma issuccedew certa cirkostanzi u incidenti.

Illi l-kuntratt datat 6 ta' April, 1990 (Dok. R.V. I. jistipula klawsola *poenitentialis* li testwalment tghid - "qed jigi miftiehem illi jekk ghal xi raguni li ma tkunx legali, is-socjeta' tiddeciedi illi ma zzomx l-employee fix-xoghol, huwa jinghata bhala *bonus* sentejn salarju skond dak li jkun li jkun qed jithallas meta jerfgha bla xoghol."

Illi jinghad *'a priori'* illi l-istess kuntratt gie unikament attakkat la fl-*statement of case* la fit-trattazzjoni tal-kaz izda sempliciment fl-ahhar paragrafu tan-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta' intimata. It-Tribunal qatt ma gie moghti *'da intendere'* u/jew saret riferneza ghall-istess. Anzi, t-Tribunal jehodha li din ir-riferenza saret b'mod legger ghall-ahhar 'per

via discorrendo'. Pero' jigi rilevat illi tant huwa sanat l-istess kuntratt li sa gew esibiti zewg sentenzi tal-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili, it-tnejn datati 31 ta' Ottubru 1995 it-tnejn fl-istess ismijiet cioe' "Rosario Vella vs Pauline Cutajar u Saviour Cutajar bhala diretturi ghan-nom u in-rapprezentanza tas-socjeta' Carmel Cutajar Ltd." (Citaz Nru. 1477/92 G.V u 174/93 G.V. B'dawn is-sentenzi riferiti aktar 'il fuq, l-appellant gie moghti dak il-tnaqqis fil-paga effettwat mis-socjeta' intimata, liema paga giet kalkolata a bazi ta' l-istess kuntratt, u ghal liema kuntratt saret riferenza *in toto* sia fit-trattazzjoni tal-kawza sia fl-atti u fis-sentenzi li ghaddew in gjudikat stante li ma sar l-ebda appell kontra taghhom. Li huwa zgur f'dan l-istadju huwa li dan it-Tribunal ma jistax imur kontra dawn l-enuncjazzjonijiet gudizzjari li taw interpretazzjoni u applikazzjoni guridika, logika u sana meta applikaw forza legali ghall-istess kuntratt.

Illi dan it-Tribunal irid ta' bilfors jghati l-istess effett stante li ga giet konsagrata l-effikacja, validita' u ottemperanza tieghu. L-appellant, ai termini tal-verbal fis-seduta tat-23 ta' Frar, 1996 huwa rrinunzja ghat-tieni talba tieghu cioe' dik tar-re-integrazzjoni fl-impjieg. Ghal fini tat-talbiet l-ohra huwa qed jitlob il-kumpens indikat fl-istess kuntratt tax-xoghol, kif *del resto* huwa riportat u mahdum fil-para. 25 tan-nota ta' osservazzjonijiet ta' l-istess appellant.

**Konkluzjoni**

It-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kwistjoni billi jiddikjara illi t-tkeccija tal-appellant minn mas-socjeta' intimata ma saritx ghal raguni gjusta. *Di piu'* bhala kumpens u ai termini tal-kundizzjonijiet tal-istess kuntratt huwa ghandu jinghata sentejn salarju cioe' Lm107 x 52 x 2 = Lm11,128 (hdax il-elf mija u tmienja u ghoxrin lira maltija).

B'hekk din il-kwistjoni giet definittivament terminata.

Ghal fini ta' tassazzjoni, it-Tribunal jiffissa fl-ammont ta' Lm40 (erbghin lira maltija) cioe' l-massimu.

**Dr. Joseph P. Bonnici LL.D**